# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 4 TA' LULJU, 2001

*Avviz. Nru 334/01 AJD*

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

Grapevine Ltd.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tmenin liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm85.46) kwantu erbgha u sebghin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm74.31) Royalty u hdax il-lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm11.15) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 9683 (Dpk. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Grapevine Bar Restaurant, ghall-perjodu mis-6 ta' Jannar, 2001, sal-5 ta' Jannar, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Avviz, tal-ittra legali tal-31 ta' Marzu, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tmenin liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm85.46) bl-imghaxijiet pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR